MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1067/2009

**P&J.C. Ltd**
**(C – 5153)**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Onorvoli Prim'Ministru**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta' Novmbru, 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-istess socjeta` rikorrenti kienet applikat ghall-hrug ta' permess ghall-zvilupp f'sit fi Triq il-Millieri, Triq in-Niger, Triq Hadd il-Qamh u Triq il-Lellux, Hal-Ghaxaq, ghall-bini ta' "*basement garages, two shops and overlying residential units*";

2. Illi permezz ta’ ittra tal-Awtorita` ntimata datata t-22 ta’ Novembru, 2006, is-socjeta` rikorrenti kienet giet infurmata li l-applikazzjoni taghha, numru PA 06909/06, kellha tigi determinata sal-14 ta’ Frar, 2007, (ara fol 8);

3. Illi sussegwentement fid-29 ta’ Novembru, 2006 l-istess socjeta` rikorrenti giet infurmata li minflok l-istess applikazzjoni kellha tigi determinata sat-23 ta’ Mejju, 2007;

4. Illi b’ittra datata d-29 t’April, 2009, l-imsemmija Awtorita` ntimata nfurmat lis-socjeta` rikorrenti fuq il-bdil li kellu jigi effettwat fil-pjanti sottomessi u konsegwentement, li l-perjodu ghad-determinazzjoni tal-applikazzjoni kien qed jigi estiz;

5. Illi s-socjeta` rikorrenti issottomettiet il-pjanti u nformazzjoni rikjesti fl-istess 29 t’April, 2009, fuq indikat;

6. Illi f’Gunju, 2009, l-ufficcjal inkarigat mill-applikazzjoni ffinalizza r-rapport tieghu fejn ikkonkluda li l-applikazzjoni ssodisfat il-*policies* vigenti;

7. Illi fid-9 ta’ Gunju, 2009, is-socjeta` rikorrenti rrispondiet li kienet qed taqbel ma’ l-imsemmi rapport;

8. Illi *nonostante* tali qbil, il-Bord baqa’ ma ddecidiex l-applikazzjoni *de quo* kif obbligat fil-ligi fit-termini fuqu mposti;

9. Illi fid-29 ta’ Lulju, 2009, is-socjeta` rikorrenti talbet permezz ta’ ittra appozita, li l-Awtorita` ntimata kienet obbligata tiddetermina l-applikazzjoni in kwistjoni fit-termini tal-artikolu 36 (6) (f) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar;

10. Illi l-Awtorita` *de quo* irrispondiet li t-talba tas-socjeta` rikorrenti ndikata fil-paragrafu precedenti kellha ssir permezz ta' ittra registrata;

11. Illi l-imsemmi rekwizit gie sodisfatt fis-7 t'Awwissu, 2009, fejn l-istess socjeta` rikorrenti talbet ukoll li ghandha tigi segwita l-procedura stipulata fl-artiklu 46 tal-imsemmi Att, liema ittra giet ukoll debitament recepita mill-istess Awtorita`;

12. Illi nonostante s-suespost, l-Awtorita` ntimata baqghet in attiva, u dan, *nonostante* li kien gie wkoll superat it-terminu stipulat bil-ligi;

13. Illi konsegwentement, in vista tal-artiklu 36 tal-imsemmi Att gia` precitat, l-applikazzjoni in dizamina hi kkonsidrata bhala approvata u allura, il-permess relattiv ghandu jinhareg;

14. Illi fis-16 t'Ottubru, 2009, is-socjeta` rikorrenti ufficjalment interpellat lill-imsemmija Awtorita` biex tohrog il-permess relattiv *ai termini* tal-artikolu 36 tal-Att pre-citat, u li in difett, is-socjeta` rikorrenti kienet ser tipprocedi kontra l-Awtorita` ntimata gudizjarjament;

15. Illi l-Awtorita` ntimata ma ghamlet l-ebda reazzjoni ghall-imsemmija ittra ufficcjali riferita fil-paragrafu precedenti;

16. Illi konsegwentement, is-socjeta`rikorrenti kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna u aderiet din il-qorti biex l-istess intimati fuq indikati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara li fir-rigward tal-applikazzjoni bin-numru PA 06909/06 dwar is-sit u ghall-bini fuq gia` riferiti, ghadda t-terminu stipulat fl-artiklu 36 tal-Att pre citat;

ii. Tiddeciedi li l-applikazzjoni *de quo* ghandha tigi meqjusa bhala approvata fit-termini tal-istess artikolu citat fil-paragrafu precedenti;

iii. Tordna lill-Awtorita` ntimata tohrog il-permess relattiv kif marbuta li taghmel fil-ligi;

iv. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-16 t’Ottubru, 2009;

Rat ir-risposta guramentata tal-Prim Ministru ntimat datat is-7 ta’ Dicembru, 2009, li permezz tieghu sintetikament irrisponda s-segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt – u allura ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2. Illi l-intimat odjern mhux il-legittimu kontradittur stante li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ma jaqghux taht ir-responsabbilita` tad-dikasteru tieghu u allura ghandhom jigu determinati minn entita` ohra;

3. Illi ghaldaqstant, l-intimat odjern ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi nforma preventivament lill-qorti wkoll li “ … jixtieq jaghmel tieghu wkoll ir-risposta tal-intimata Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”, (ara fol 26);

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` ntimata fuq indikata datata l-14 ta’ Dicembru, 2009, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament teccepixxi n-nullita` tal-azzjoni stante li ma taqax taht l-ebda wiehed mill-aggravju tal-artiklu 469 A tal-Kap 12;

2. Illi *di piu*`, l-azzjoni odjerna hi ezawrita u irrita stante li l-applikazzjoni in dizamina giet deciza u determinata mill-Awtorita` ntimata bl-approvazzjoni tas-socjeta` rikorrenti;

3. Illi *in oltre*, t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li l-artikolu 36 tal-Att 1 tal-1992 jipprovdi t-termini li fihom ghandha ssir l-ewwel laqgha li fiha l-Awtorita` ghandha tiddeciedi tikkonsidra l-applikazzjoni, liema laqgha saret qabel it-talba maghmula mis-socjeta` rikorrenti a bazi tal-artikolu 36 tal-Kap 356;

4. Illi di piu`, l-applikazzjoni *de quo* qatt ma setghet tigi deciza qabel ma jkunu approvati l-*policies* li jirregolaw is-sit in dizamina;

5. Illi ghalhekk, it-tieni (2) u t-tielet (3) talba ghandhom jigu michuda stante li l-artikolu 36 ma japplikax ghal dan il-kaz;

6. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti datat id-19 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu informa lill-qorti diversament preseduta li l-Awtorita` intimata kienet effettivament harget il-permess relattiv f'Dicembru, 2009;

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta tal-istess 19 ta' Jannar, 2010, li permess tieghu iddifferiet il-kawza ghall-provi u, jekk ikun il-kaz, ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ntimata fuq riferita, (ara fol 34);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti datat il-11 ta' Jannar, 2011, li permezz tieghu irrefera ghal sentenza tal-istess qorti diversament preseduta datata l-14 t'Ottubru, 2010, fl-ismijiet Malcolm Mallia et vs l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li kienet ghadha sottomessa ghall-Appell skont il-ligi, (ara fol 38);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita` ntimata datata l-20 ta' Frar, 2012;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` rikorrenti datata t-2 ta' Mejju, 2012;

Rat il-verbal datat is-17 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet prezenti ddikjaraw li m'ghandhom xejn xi jzidu mas-sottomissjonijiet skritti taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi din hi sentenza preliminari u hi limitata ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ntimata senjatament ghall-eccezzjoni taghha li l-azzjoni odjerna ma taqax taht id-dettam tal-artikolu 469 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-imsemmi artikolu jiddisponi mill-fatt meta hu permissibbli li jsir stharrig gudizzjarju t'azzjoni amministrattiva u ghalhekk jistabbilixxi meta l-qrati civili jkollhom gurisdizzjoni jaghmlu dan, u konsegwentement, meta jiddikjaraw tali azzjoni valida, jew minflok invalida, nulla u minghajr effett;

Illi hlief hekk kif provdut mod iehor fil-ligi, dawn il-qrati jkollhom tali gurisdizzjoni fis-segwenti kazijiet:

1. Mela l-eghmil amministrattiv ikkoncernat jikser il-Kostituzzjoni;

2. Meta dan l-eghmil ikun *ultra vires* ghal xi wahda mis-segwenti ragunijiet:

i. Meta l-awtorita` pubblika kkoncernata ma tkunx awtorizzata twettaq tali eghmil;

ii. Meta l-awtorita` pubblika tonqos li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali;

iii. Mela l-istess awtorita` tonqos li tosserva l-htigijiet procedurali mandatorjament imposti fuqha:

a. kemm fit-twettieq tal-eghmil amministrattiv;

b. kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel;

iv. Meta l-eghmil in dizamina jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika meta:

a. Isir b'ghanijiet mhux xierqa; jew

b. Jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

v. Meta l-istess eghmil imur mod iehor kontra l-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward, l-Awtorita` ntimata sintetikament issottomettiet is-segwenti:

1. Illi din l-ewwel eccezzjoni preliminari ghandha tigi milqugha stante li l-azzjoni ntiza taht l-artikolu 469 A tal-Kap 12 fuq riferit mhix applikabbli stante li l-kontestazzjoni odjerna jew ir-rimedju mitlub hu effettivament gia` provdut f'ligi ohra, (ara artikolu 469 A (4) tal-istess Kap 12);

2. Illi ghalhekk ir-rimedju mitlub mis-socjeta` rikorrenti hu possibbli biss meta jkun ezawrit ir-rimedju statutorju riferit;

3. Illi l-istess Awtorita` irreferiet ghal diversi decizjonijiet in sostenn tat-tezi taghha li din il-qorti hadet konjizzjoni taghhom kif dovut;

4. Illi in sostenn tal-istess taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Richard Zammit vs Chairman Awtorita`**, (Citazzjoni Numru 99/98), datata l-**31 ta' Mejju, 2002**, fejn sostniet:

"Ma hemm xejn li jzomm il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar meta jkun qieghed jirrevedi xi decizjoni tal-Awtorita` tal-

Ippjanar li jara li l-istess Awtorita` tkun agixxiet *intra vires* li hija tkun segwiet il-principji tal-gustizzja naturali, li hija tkun osservat il-htigijiet procedurali mandatorji mposti mill-ligi, u li hija ma tkunx abbuzat mis-setghat li l-ligi kkonferiet fuqha, billi, per ezempju, hadet id-decizjoni ghall-ghanijiet mhux xierqa jew ibbazat l-istess decizjoni fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux rilevanti ghall-kaz. Din il-qorti tifhem illi kien proprju ghalhekk li l-legislatur, fis-subartikolu (4) espressament iddispona li l-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili … huma espressament svestiti milli jekk il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra. Fil-fehma tal-Qorti, anke l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar hu soggett li josserva huwa stess … in-nozzjonijiet li janimaw l-istess subartikolu (1) tal-artikolu 469 A";

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward, is-socjeta` rikorrenti sintetikament issottomettiet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda talba ghal stharrig gudizzjarju tal-operat amministrattiv tal-Awtorita` ntimata;

2. Illi tali azzjoni hi bbazata fuq l-artikolu 469 A tal-Kap 12 fuq riferit;

3. Illi kull ma s-socjeta` rikorrenti tehtieg biex tissodisfa r-rekwiziti statutorji hu li s-setgha ezercitata mill-personalita` guridika nvoluta ma tkunx giet ezercitata fil-parametri tal-ligi;

4. Illi fil-kaz odjern, l-Awtorita` *de quo* ma qaghaditx ghall-ligi u allura, l-azzjoni taghha hi censurabbli u konsegwentement ghalhekk giet intavolata l-procedura odjerna;

Ikunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-effetti tal-artikolu 469 A tal-Kap 12 fuq riferit, m'humiex awtomatici u jiskattaw biss meta r-rimedju imfittex ikun "**provdut … f'xi ligi ohra**", (ara artikolu 469 A (4) tal-Kap 12);

Illi ghandu jkun pacifiku li r-rimedju utilizzat mis-socjeta` rikorrenti permezz tal-procedura odjerna ma kienx l-uniku rimedju utilizzabbli ghall-istess socjeta` stante li din setghet facilment utilizzat ir-rimedju moghti taht il-Kap 356 tal-istess Ligijiet ta' Malta, u kien biss meta tali rimedju jkun ezawrit li l-istess socjeta` setghet taderixxi din il-qorti u tissottometti l-lanjanza odjerna;

Illi kif ritenut fis-sentenzi citati mill-abbli rapprezentanti legali tal-istess Awtorita` ntimata, dan ghandu jkun ampjament assodat u jkun ghal kollox inutili li jerga' jigi ripetut fl-istadju odjern;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ntimata fuq riferita, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-azzjoni odjerna intrapriza mis-socjeta` rikorrenti hi nulla fid-dawl tal-artikolu 469 A (4) tal-Kap 12 stante li l-istess socjeta` rikorrenti ma ezercitatx ir-rimedju gia` pprovdut f'ligi ohra qabel ma aderiet din il-qorti;

2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------